

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-2 ta' Ġunju 2014 – Da Cunha Almeida vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-5/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Test ta' raġunament verbali — Eċċezzjoni ta' illegalità tal-avviż ta' kompetizzjoni — Għażla tat-tieni lingwa fost tliet lingwi — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni)

(2014/C 315/122)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Paulo Jorge da Cunha Almeida (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. Grayston, solicitor, G. Pandey u M. Gambardella, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/205/10.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/205/10, tad-9 ta' Marzu 2012, trażmessa permezz tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, li tiġhad it-talba ta' eżami mill-ġdid ta' P. J. Da Cunha Almeida, wara l-eżkluzjoni tiegħu mil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 2011, hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn P. J. Da Cunha Almeida.*

⁽¹⁾ ĠU C 123, 27.04.2013, p. 29.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Lulju 2014 – Morgan vs UASI

(Kawża F-26/13) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni — Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni)

(2014/C 315/123)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Rhys Morgan (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment G. Faedo, aġent, sussegwentement M. Paolacci, aġent)